MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 400/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Mifsud talli:

(1) Fil-11 ta’ Settembru 2006 ghall-habta tal-10.20 a.m. f’Tas-Sliema ikkometta serq ta’ basket kontenenti telefon cellulari, flus kontanti u affarijiet ohra, minn fuq il-persuna ta’ Yvonne Delia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza diretta kontra persuna li ghalqet l-eta` ta’ sittin sena u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira;

(2) Fil-11 ta' Settembru 2006 f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(3) Fil-11 ta' Settembru 2006 ghall-habta ta' l-10.20 a.m. f'Tas-Sliema, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Yvonne Delia minn Tas-Sliema, skond ma ccertifika Dr. Paul A. Mangion mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Carmel Mifsud hati ta' l-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li hija wahda alternattiva u lliberatu minnha u, wara li rat l-artikoli 22, 261(a)(c), 262, 267, 274 u 279(a) tal-Kap. 9, ikkommettiet lill-imsemmi Carmel Mifsud ghal perijodu ta' sittin siegha xoghol komunitarju skond l-artikolu 11 tal-Kap. 446 u li ghandu jaghmel fil-hinijiet kif indikati lilu mill-probaton officer skond il-formola annessa;

Rat is-sentenza moghtija llum stess li permezz taghha din il-Qorti ddecidiet li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali preskritti mill-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li jrendi l-istess sentenza nulla u ghalhekk iddikjarat *ex officio* s-sentenza appellata nulla.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-atti jirrizulta illi meta fil-11 ta' Settembru 2006 l-imsemmi Carmel Mifsud tressaq quddiem l-ewwel Qorti akkuzat kif imsemmi, meta sarlu l-ezami, ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, wiegeb li hu hati. Moghti hin biex jahsibha jekk jikkonfermax jew le l-

ammissjoni tieghu, l-imsemmi Carmel Mifsud ippersista fl-ammissjoni tieghu anke wara li dik il-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni. Sadattant il-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza kellha titqies bhala alternattiva ghall-ewwel wahda. Fil-25 ta’ Settembru l-prosekuzzjoni esebiet il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-appellat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

In vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imsemmi Carmel Mifsud, huwa ghalhekk ser jigi lliberat mit-tieni akkuza u jigi dikjarat hati fuq l-ewwel u t-tielet akkuzi bl-assorbiment tat-tielet akkuza fl-ewwel wahda.

Fis-seduta tal-11 ta’ Settembru 2006 l-ewwel Qorti, fuq talba ta’ l-appellat biex isir *pre-sentencing report*, laqghet it-talba u halliet f’idejn id-Direttur tal-*Probation* biex jinnomina persuna idoneja. Fil-fatt giet innominata l-ufficjal tal-*probation* Miriam Sevasta li hejjiet rapport li jinsab esebit a fol. 28 sa 48 tal-process. Fih hija rrakkomandat li l-imsemmi Carmel Mifsud (1) jinghata sentenza fil-komunita` b’supervizjoni, (2) jibqa’ f’kuntatt regolari mal-psikjatra kif ukoll mas-*social worker*, u (3) jigi ordnat ihallas kumpens lill-vittma ghat-telefon cellulari.

IHuwa minnu li r-reati kommessi mill-appellat huma reati serji izda kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu u din il-Qorti hi tal-fehma li dan mhuwiex kaz ta’ *a hardened criminal*. Difatti din il-Qorti, wara li ezaminat ir-rapport ta’ l-ufficjal tal-*probation* Miriam Sevasta kif ukoll ir-rapport tas-*social worker* fl-Isptar Monte Carmeli, Jennifer Portelli, hija tal-fehma li l-imsemmi Carmel Mifsud, precizament minhabba xi problemi ta’ natura psikologici, ghandu bzonn ta’ supervizjoni intensiva u kontinwa taht il-harsien ta’ ufficjal tal-*probation* sabiex jigi assigurat li ma jergax jikkommetti reati ohra u jibqa’ jiehu l-kura li ghandu bzonn. Inoltre sejra tordna li huwa jhallas is-somma ta’ Lm30 lill-vittma bhala kumpens ghall-*mobile phone* li ttehdilha, u dan minghajr pregudizzju ghal xi pretensjoni ulterjuri li jista’ jkun hemm.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara lill-imsemmi Carmel Mifsud mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah izda tiddikjarah hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, bl-assorbiment tat-tielet imputazzjoni fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(d), 276A, 277(c) u 280(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li l-istess Carmel Mifsud esprima r-rieda tieghu li joqghod ghall-htigiet ta’ ordni ta’ *probation*, tqieghdu taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Din il-Qorti fissret lill-*probationer* a tenur ta’ l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, bi kliem li huwa jifhem, l-effett ta’ l-ordni u tal-kondizzjonijiet hemm inkluzi, kif ukoll li jekk jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ l-ordni jew jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ *probation* huwa jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------